**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/961

**tas-7 ta' Ġunju 2019**

**li tawtorizza miżura proviżorja meħuda mir-Repubblika Franċiża f'konformità mal-Artikolu 129 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) biex tirrestrinġi l-użu u t-tqegħid fis-suq ta' ċertu injam trattat bil-kreożot u b'sustanzi oħra relatati mal-kreożot**

*(notifikata bid-dokument C(2019) 4122)*

**(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 154, 12.6.2019, p. 44)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/326 tal-24 ta' Frar 2022 | L 55 | 76 | 28.2.2022 |

▼B

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/961**

**tas-7 ta' Ġunju 2019**

**li tawtorizza miżura proviżorja meħuda mir-Repubblika Franċiża f'konformità mal-Artikolu 129 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) biex tirrestrinġi l-użu u t-tqegħid fis-suq ta' ċertu injam trattat bil-kreożot u b'sustanzi oħra relatati mal-kreożot**

*(notifikata bid-dokument C(2019) 4122)*

**(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

*Artikolu 1*

1. Soġġetta għall-paragrafu 2, il-miżura proviżorja nnotifikata lill-Kummissjoni minn Franza fil-25 ta' Frar 2019 dwar ir-restrizzjoni tal-użu u t-tqegħid fis-suq ta' ċertu injam trattat ("il-miżura proviżorja"), hija awtorizzata għal perjodu ta' ►M1 59 xahar ◄ mid-data effettiva ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-awtorizzazzjoni għandha tiskadi skont liema mid-dati li ġejjin tiġi l-ewwel, jekk waħda minnhom isseħħ qabel ma jiskadi ż-żmien speċifikat fil-paragrafu 1:

(a) meta l-proċedura ta' restrizzjonijiet tal-Unjoni mibdija fir-rigward tal-miżura proviżorja tirriżulta f'emenda tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, id-data li fiha dik l-emenda ssir applikabbli;

(b) sitt xhur wara li l-proċedura ta' restrizzjonijiet tal-Unjoni mibdija fir-rigward tal-miżura proviżorja tiġi ffinalizzata mingħajr ma l-Kummissjoni tipproponi abbozz ta' restrizzjoni.

*Artikolu 2*

.Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.